

Att XCI tal-2023

dwar l-emenda ta' ċerti atti bil-għan li tissaħħaħ is-sigurtà pubblika u l-għieda kontra l-migrazzjoni

(...)

8. Emenda għall-Att XLII tal-1999 dwar il-protezzjoni ta' persuni li ma jpejpux u ċerti regoli dwar il-konsum u d-distribuzzjoni ta' prodotti tat-tabakk

Artikolu 15 (1) Fl-Att XLII tal-1999 dwar il-protezzjoni ta' persuni li ma jpejpux u ċerti regoli dwar il-konsum u d-distribuzzjoni ta' prodotti tat-tabakk (minn hawn 'il quddiem l-“Att dwar Persuni li ma Jpejpux”), l-Artikolu 1(s) u (t) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

(Għall-iskopijiet ta' dan l-Att)

“(s) *apparat elettroniku ta' imitazzjoni tat-tipjip* huwa prodott elettroniku għal użu ta' darba (li jintrema wara l-użu) jew prodott li għandu jimtela mill-ġdid b'kontenitur ta' rikarika mingħajr nikotina jew imħaddem bi skartoċċ mingħajr nikotina (biex jintuża aktar minn darba), li jista' jintuża għall-konsum ta' fwar mingħajr nikotina permezz ta' bokkin; jew kwalunkwe komponent ta' dak il-prodott, inklużi tankijiet, jew kwalunkwe apparat mingħajr skartoċċ jew tank;

(t) *kontenitur ta' rikarika mingħajr nikotina* huwa tank li fih likwidu mingħajr nikotina għar-rikarika ta' apparat elettroniku ta' imitazzjoni tat-tipjip;

(2) Fl-Att XLII tal-1999 dwar il-protezzjoni ta' persuni li ma jpejpux u ċerti regolamenti dwar il-konsum u d-distribuzzjoni ta' prodotti tat-tabakk, għandu jiżdied il-punt (z) li ġej mal-Artikolu 1:

(Għall-iskopijiet ta' dan l-Att)

“(z) *skartoċċ mingħajr nikotina* huwa tip ta' kontenitur ta' rikarika mingħajr nikotina li huwa meħtieġ għall-użu ta' ċertu apparat elettroniku ta' imitazzjoni tat-tipjip, u li huwa tank li fih likwidu mingħajr nikotina fi kwalunkwe forma, tipikament għal użu ta' darba (li ma jistax jerġa' jimtela).”

Artikolu 16 (1) Fl-Att XLII tal-1999 dwar il-protezzjoni ta' persuni li ma jpejpux u ċerti regolamenti dwar il-konsum u d-distribuzzjoni ta' prodotti tat-tabakk, l-Artikolu 7/D(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(1) Il-manifatturi u l-importaturi tas-sigaretti elettroniċi, il-kontenituri ta' rikarika u l-iskrataċ, l-apparati elettroniċi ta' imitazzjoni tat-tipjip, il-kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina, l-iskrataċ mingħajr nikotina u s-sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina, u d-distributuri tagħhom fl-Unġerija għandhom jinnotifikaw lill-awtorità tas-saħħa pubblika dwar kwalunkwe prodott li beħsiebhom iqiegħdu fis-suq sitt xhur qabel it-tqegħid tiegħu fis-suq.”

(2) Fl-Att XLII tal-1999 dwar il-protezzjoni ta' persuni li ma jpejpux u ċerti regolamenti dwar il-konsum u d-distribuzzjoni ta' prodotti tat-tabakk, l-Artikolu 7/D(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(3) Dan li ġej għandu jiġi rrapportat lill-awtorità tas-saħħa pubblika f’konformità mal-paragrafu (1):

(a) kwalunkwe bidla fis-sigaretti elettroniċi, fil-kontenituri ta’ rikarika u fl-iskrataċ, fl-apparat elettroniku ta’ imitazzjoni tat-tipjip, fil-kontenituri ta’ rikarika mingħajr nikotina, fl-iskrataċ mingħajr nikotina u fis-sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina li jaffettwaw il-karatteristiċi tekniċi tal-prodott kif definit f’digriet tal-gvern maħruġ skont dan l-Att jew maħruġ abbażi ta’ awtorizzazzjoni minn dan l-Att, kif ukoll

(b) bidliet fl-identità u fid-disponibbiltà tal-manifattur, tal-importatur jew tad-distributur Ungeriż tas-sigaretti elettroniċi, tal-kontenituri ta’ rikarika u tal-iskrataċ, tal-apparati elettroniċi ta’ imitazzjoni tat-tipjip, tal-kontenituri ta’ rikarika mingħajr nikotina, tal-iskrataċ mingħajr nikotina u tas-sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina.”

(3) Fl-Att XLII tal-1999 dwar il-protezzjoni ta’ persuni li ma jpejpux u ċerti regolamenti dwar il-konsum u d-distribuzzjoni ta’ prodotti tat-tabakk, il-paragrafi (5) u (6) li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Artikolu 7/D:

“(5) L-awtorità tas-saħħa pubblika għandha żżomm rekords tal-prodotti notifikati skont il-paragrafu 1, li għandu jkun fihom:

a) l-isem tan-notifikant, il-manifattur, l-importatur jew id-distributur fl-Ungerija,

b) in-numru ta’ identifikazzjoni elettronika tas-sigaretti,

(c) l-isem tal-marka u tas-sottomarka,

d) it-tip ta’ prodott,

(e) in-numru tas-serje taċ-ċertifikat maħruġ dwar in-notifika, u

(f) l-ewwel jum possibbli għat-tqegħid fis-suq, kif ikkalkulat skont il-paragrafu (1).

(6) Il-manifattur, l-importatur u d-distributur fl-Ungerija għandhom jieħdu ħsieb l-irtirar mis-suq u x-xiri mill-ġdid ta’ kull prodott li huwa kopert mill-projbizzjoni ta’ kummerċjalizzazzjoni u li huwa miżmum fl-istokk mill-bejjiegħ bl-imnut tal-prodott tat-tabakk.”

Artikolu 17 Fl-Att XLII tal-1999 dwar il-protezzjoni ta’ persuni li ma jpejpux u ċerti regolamenti dwar il-konsum u d-distribuzzjoni ta’ prodotti tat-tabakk, l-Artikolu 8(5)(a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

(Il-Gvern huwa b’dan awtorizzat li jiddefinixxi u jistabbilixxi dan li ġej permezz ta’ regolament:

“(a) it-twissijiet ikkombinati, it-twissijiet tas-saħħa u r-regoli tal-użu dettaljati tagħhom, kif ukoll ir-regoli dettaljati għall-unitajiet tal-imballaġġ tal-prodotti tat-tabakk għall-konsumatur u l-unitajiet tal-imballaġġ tas-sigaretti elettroniċi, il-kontenituri ta’ rikarika, l-apparati elettroniċi ta’ imitazzjoni tat-tipjip, il-kontenituri ta’ rikarika mingħajr nikotina, l-iskrataċ mingħajr nikotina u s-sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina, il-kontenut u l-forma ta’ sinjali u

marki għar-restrizzjoni tat-tipjip u żoni apposta għat-tipjip kif ukoll ta' daww għall-użu ta' sigaretti elettroniċi u apparat elettroniku għall-imitazzjoni tat-tipjip, minbarra kundizzjonijiet oħra ta' manifattura, distribuzzjoni u kontroll ta' prodotti tat-tabakk, sigaretti elettroniċi, kontenituri ta' rikarika, apparat elettroniku ta' imitazzjoni tat-tipjip, kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina u sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina, fejn tali kundizzjonijiet ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Att dwar id-dazju tas-sisa,”

Artikolu18 Fl-Att XLII tal-1999 dwar il-protezzjoni ta' persuni li ma jpejpux u ċerti regolamenti dwar il-konsum u d-distribuzzjoni ta' prodotti tat-tabakk, għandu jiddaħħal l-Artikolu 8/B li ġej:

“Artikolu 8/B L-Artikolu 1 (s), (t) u (z), l-Artikolu 7/C, l-Artikolu 7/D (1), (3), (5) u (6), l-Artikolu 7/E (1)-(5), l-Artikolu 8 (5)(a), u l-Artikolu 10 (4a) ta' dan l-Att, kif definit mill-Att XCI tal-2023 dwar l-emenda ta' ċerti atti sabiex tissaħħaħ is-sigurtà pubblika u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni, ġew soġġetti għal notifika minn qabel, kif stipulat fl-Artikoli 5-7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjeta' tal-Informatika.”

Artikolu19 Fl-Att XLII tal-1999 dwar il-protezzjoni ta' persuni li ma jpejpux u ċerti regolamenti dwar il-konsum u d-distribuzzjoni ta' prodotti tat-tabakk, għandu jiżdied il-paragrafu (4a) li ġej mal-Artikolu 10:

“(4a) Fil-każ ta' kontenituri ta' mili mill-ġdid mingħajr nikotina, skrataċ mingħajr nikotina u sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina li kienu diġà fis-suq fit-30 ta' Diċembru 2023, in-notifika f'konformità mal-Artikolu 7/D(1), kif definit fl-Att XCI tal-2023 dwar l-emenda ta' ċerti atti sabiex tissaħħaħ is-sigurtà pubblika u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni, trid issir sat-28 ta' Frar 2024.”

Artikolu 20 Fl-Att XLII tal-1999 dwar il-protezzjoni ta' persuni li ma jpejpux u ċerti regoli dwar il-konsum u d-distribuzzjoni ta' prodotti tat-tabakk,

(a) fl-Artikolu 7/C, il-kliem “sigaretti elettroniċi jekk” huma sostitwiti bil-kliem “sigaretti elettroniċi, kontenituri ta' rikarika, skrataċ, apparati elettroniċi ta' imitazzjoni tat-tipjip, kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina, skrataċ mingħajr nikotina u sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina jekk”;

(b) fl-Artikolu 7/E (1), il-kliem “sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika” huma sostitwiti bil-kliem “sigaretti elettroniċi, kontenituri ta' rikarika, skrataċ, apparati elettroniċi ta' imitazzjoni tat-tipjip, kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina, skrataċ mingħajr nikotina u sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina”;

(c) fl-Artikolu 7/E (2), il-kliem “sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika” huma sostitwiti bil-kliem “sigaretti elettroniċi, kontenituri ta' rikarika, skrataċ, apparati elettroniċi ta' imitazzjoni tat-tipjip, kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina, skrataċ mingħajr nikotina u sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina”;

(d) fl-Artikolu 7/E (3), il-kliem “sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika” huma sostitwiti bil-kliem “sigaretti elettroniċi, kontenituri ta' rikarika, skrataċ, apparati elettroniċi ta' rikarika, skrataċ, apparati elettroniċi ta' rikarika mingħajr nikotina, skrataċ mingħajr nikotina u sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina”;

imitazzjoni tat-tipjip, kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina, skrataċ mingħajr nikotina u sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina”;

(e) fl-Artikolu 7/E (4), il-kliem “sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika” huma sostitwiti bil-kliem “sigaretti elettroniċi, kontenituri ta' rikarika, skrataċ, apparati elettroniċi ta' imitazzjoni tat-tipjip, kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina, skrataċ mingħajr nikotina u sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina”;

(f) fl-Artikolu 7/E (5), il-kliem “Is-sigaretti elettroniċi u kontenituri ta' rikarika” huma sostitwiti bil-kliem “sigaretti elettroniċi, kontenituri ta' rikarika, skrataċ, apparati elettroniċi ta' imitazzjoni tat-tipjip, kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina, skrataċ mingħajr nikotina u sostituti tat-tipjip li fihom in-nikotina”

.

Artikolu 21 L-Artikolu 7/1 tal-Att XLII tal-1999 dwar il-protezzjoni ta' persuni li ma jpejpux u ċerti regoli dwar il-konsum u d-distribuzzjoni ta' prodotti tat-tabakk għandu jitħassar.

(...)

20. Emenda għall-Att CXXXIV tal-2012 dwar it-tnaqqis tat-tipjip fost iż-żgħażaġh u dwar il-kummerċ ta' prodotti tat-tabakk

Artikolu 62 Fl-Att CXXXIV tal-2012 dwar it-tnaqqis tat-tipjip fost iż-żgħażaġh u dwar il-kummerċ ta' prodotti tat-tabakk, il-paragrafu (4) li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 28:

“(4) l-Artikolu 1(1)(e) u l-Artikolu 3(2)(e) ta' da l-Att, kif definit mill-Att XCI tal-2023 dwar l-emenda ta' ċerti atti sabiex tissaħħaħ is-sigurtà pubblika u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni, ġew soġġetti għal notifika minn qabel, kif stipulat fl-Artikoli 5-7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-ġhoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.”

Artikolu 63 Fl-Att CXXXIV tal-2012 dwar it-tnaqqis tat-tipjip fost iż-żgħażaġh u dwar il-kummerċ ta' prodotti tat-tabakk,

(a) fl-Artikolu 1(1)(e), il-kliem “kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina,” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina, skrataċ mingħajr nikotina,”;

(b) fl-Artikolu 3(2)(e), il-kliem “kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina,” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “kontenituri ta' rikarika mingħajr nikotina, skrataċ mingħajr nikotina,”

.

(...)

35. Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 111 (1) Bl-eċċezzjoni msemmija fil-paragrafi 2 sa 6, dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Diċembru 2023.

(...)

Artikolu 114 Ir-rekwiżit għan-notifika minn qabel tal-intestatura 8 u tal-intestatura 20 ta' dan l-Att, kif stabbilit fl-Artikoli 5-7 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, ġie ssodisfat.

<i>Katalin Novák</i> (sgd) President tar-Repubblika	<i>Dr. János Latorcai</i> (sgd) Viċi Speaker tal-Parlament
--	---